Minuti tal-laqgħa numru tmienja (8) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar il-Ħamis, 20 ta' Frar 2025 fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat, fis-6.00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Alexander Craus | Sindku |
| Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Terence Sant | Kunsillier |
| Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

Assenti b'apoloġija:

| | |
|---|---|
| Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

Nota: Din il-laqgħa kienet skedata il-ġimgħa li għaddiet, iżda peress li s-Sindku, is-Sur Sandro Craus li kien tiela il-Portugal fuq il-programm *City 2 City* ma setax imur u lanqas ħadd mil-kunsillieri ma riedu jmorru minfloku, kellu jitla' is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Anthony Bonello. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv, is-Sa Roberta Galea ma setgħetx lanqas tattendi u għaldaqstant il-laqgħa ma setgħetx issir.

| | | |
|---|---|---|
| 08.01 | **Qari tal-ittri ta' Apoloġija**<br>Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus. Is-SE irċieva e-mail mis-Sur Paul Grech fejn infurmah li ma setax ikun magħna. Is-Sindku informa lill-kunsillieri li lanqas is-Sa Graziella Brincat ma setgħet tkun magħna peress li nfurmat lilu. Dawn il-persuni kienu meqjusa bħala assenti b'apoloġija. | Presedenza u Apoloġiji |
| * | Il-laqgħa bdiet mingħajr is-Sur Norbert Grech u s-Sur Rudolph Grima li daħlu aktar tard fis-6.20pm u fis-6.30pm rispettivament. | * |
| 08.05 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab illi jkun hemm sospenzjoni tal-agenda u fil-preżenza tal-*Accountant,* is-Sur Paul Bugeja, il-cameras ma jinxtehlux waqt li kienu diskussi l-*Financial Statements 2024.*<br><br>Il-*cameras* inxtehlu fis-6.40pm x'ħin telaq mil-kamra is-Sur Paul Bugeja u l-*financial statements ye 2024* kienu approvati b'vot unanimu. | FS 2024 |

| | | |
|---|---|---|
| 08.02 | **Qari, Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-seduta preċedenti**<br>Il-Minuti tas-seduta preċedenti kienu meħuda bħala moqrija għaliex kienu mqassma mal-Agenda ta' din il-laqgħa minn diversi jiem qabel. Dawn kienu mressqa għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u kienu ssekondati mis-Sa Charmaine Balzan u kienu approvati unanimament. | Minuti |
| 08.03 | **Approvazzjoni tal-Permessi tal-Festa ta' San Ġużepp**<br>Il-lista tal-permessi tal-kabbani tal-festa ta' San Ġuzepp kif kienu mqassma mal-Agenda kienu approvati b'vot unanimu.<br><br>Madankollu is-Sindku, s-Sur Sandro Craus talab li jkun diskuss punt fejn ir-residenti qed jagħmlu petizzjoni li kienet f'idejn is-Sindku, biex nirrevedu t-talba għall-permessi fejn is-Soċjetà L'Isle Adam, taqsima armar qed titlob perjodu sostanzjali biex jingħalqu diversi toroq biex jiġi armat l-armar tal-Festa ta' San Ġużepp. Din it-talba kienet diġa' ġiet milqugħa mil-KLR.<br>Kien deċiż illi tinstab ġurnata l-ġimgħa d-dieħla u niltaqgħu mal-Kumitat tal-Festa ta' San Ġużepp dwar din il-petizzjoni. | Kabbani tal-Festa |
| 08.04 | **Ċedola tal-Pagamenti u dik tax-xiri**<br>Kienet approvata b'vot unanimu ċ-ċedola tal-pagamenti numru 366 | Ċedola tal-pagamenti |
| 08.06.01 | **Talba għall-kumpens mis-Sa Jessica Grima wara allegat aċċident fi Vjal il-Ħaddiem**<br>Il-KLR ikkunsidra t-talba tas-Sa Grima u għamel dawn l-osservazzjonijiet:<br>Ir-Rapport ma sarx dak in-nhar tal-aċċidenti fl-Għassa tal-Pulizija. Il-Pulizija ma kienux imsejħa dak il-ħin fuq is-sit. Ma kienx provdut ritratt li juri li l-inċident sar fil-fatt fuq l-allegat sit li fih seħħ l-aċċident. | Talba għall-kumpens |
| 08.06.02 | **Talba għall-kumpens mis-Sur John Saliba wara allegat aċċident**<br>Il-Kunsill ma jistax jikkunsidra din it-talba għaliex il-każ seħħ fi triq li ma taqgħax fil-konfini tar-Rabat – Triq il-Ħemsija. | Talba għall-kumpens |
| 08.07 | **Talba mil-Kumitat ghat-Tismija tat-Toroq biex tissemma b'mod ufficjali Triq Buqana.**<br>It-talba uffiċjali magħmula mill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq kienet mad-dokumenti tal-agenda u mqassma minn qabel lill-kunsillieri. Il-KLR m'għandux oġġezzjoni sabiex din it-triq jibqa' jisimha Triq Buqana kif aħna mdorrijin biha. | Triq Buqana |
| 08.08 | **Talba għal Tismija ta' mogħdija fi Triq Godwin Ganado (Il-Ġenna tal-Art)**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ma qabilx mal-isem ta' din it-triq / sqaq / passaġġ fi Triq Godwin Ganado. Peress li diġa' jeżisti sqaq ieħor bl-isem Sqaq Ludovigo Savoye, ikun propizju li jinstab isem tal-istess epoka relatat mal-Qawmien (irvellijiet) tal-Maltin Kontra l-Franċiżi.<br><br>(Canon Francesco Saverio Caruana) now proposed by Nazju | Isem ta' triq |
| 08.09 | **Talba mis-Sa Natasha Sciberras biex tinqaleb posta tal-monti fuqha**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ikkunsidra din it-talba. Kien hemm qbil unanimu sabiex il-posta numru 86 tinqaleb minn fuq Bertu Aquilina għal fuq is-Sa Natasha Sciberras peress li hemm kuntratt bin-nutar. | Posta tal-Monti |

| | | |
|---|---|---|
| 08.10 | **Appuntar ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv**<br>Din il-kariga se tkun offruta lis-Sa Fabienne Vassallo. | Deputat Segretarju Ezekuttiv |
| 08.11 | **Propost Agreement ta' Manutenzjoni fuq il-Binja tal-Kunsill**<br>Kopja ta' dan l-*agreement* kienet ipprovduta lis-Sur Terence Sant sabiex tkun evalwata fid-dettall minnu u dan għandu jagħmel il-proposti tiegħu lill-KLR. | Ftehim ta' Manutenzjoni. |
| 08.12 | **Overspeeding u CCTV fi Triq Tabia, Għeriexem, Sajf ta' San Martin minn Bieb ir-Ruwa**<br>Kien deċiż illi napplikaw għall-*Speed Camera* fi Triq Għeriexem/Tabia minkejja li anke fit-toroq l-oħra qed ikun hemm sewqan b'veloċità elevata. | Speed Camera |
| 08.13 | **SPI.SCI.02.2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali 2025-2026**<br>Se napplikaw għal attivita' kulturali fuq skala iżgħar minn dik tar-Rabat Sacrum biex jitrażżnu l-ispejjeż. Is-SE se jkun infurmat bid-dettalji ta' din l-attività. | Attività Kulturali |
| 08.14 | **SPI/SCI/3/2025 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar nodfa 2025**<br>Se nkunu qed norganizzawha mar-Reġjun Punent biex tingħata aktar viżibilità u fl-istess ħin isservi għal skop ċiviku u edukattiv. | Clean Up |
| 08.15 | **SPI/SCI/4/2025 - Espressjoni ta' Interess - Milied 2025**<br>Din l-applikazzjoni se tkun qed tieħu ħsiebha is-Sa Charmaine Balzan filwaqt li s-SE għamel punt illi l-KLR diġa' qed jassisti finanzjarjament lill-kumitat *Natalis Notabilis* fl-attività tas-suq tal-Milied. | Attività Natalizja |
| 08.16 | **Life membership: Friends of the National Archives**<br>Ma kienetx diskussa | Life Membership |
| 08.17 | **Punti Oħra** | |
| 08.17.01 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus stieden lill-kunsillieri biex jattendu laqgħa nhar il-21 ta' Frar filgħaxija dwar il-proposti għal Triq Gorg Borg Olivier. | Triq GBO |
| | Is-Sur Rodolph Grima ħareġ mil-kamra fis-7.20pm | |
| 08.17.02 | Is-Sur Norbert Grech tkellem fuq proposta ta' isem ta' triq li kien għamel f'Binġemma bl-isem Triq il-Kampanja. Din se tkun segwita. | Isem għal triq f'Binġemma |
| 08.17.03 | Is-Sur Terence Sant semma' l-problema bil-kurduna għolja fil-Ġnien ta' San Duminku. Kienu kkunsidrati diversi proposti biex nimmitigaw dan l-inkonvenjent biex x'ħin jiftħu l-bibien il-vetturi ma jolqtuhomx mal-kurduna. | Ġnien fi Pjazza San Duminku |
| | Is-Sur Rudolph Grima daħal fit-8:00pm. | |
| 08.17.04 | Is-Sur Terence Sant ta diversi dettalji u se jibgħat l-istimi formali biex ikunu imwaħħla cctv's fl-inħawi tal-parkeġġ quddiem il-ħanut tal-pastizzi. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab lis-SE sabiex jinforma lid-Dipartiment Gvern Lokali bit-tibdil fis-sit mis-Saqqajja, għall-parkeġġ | CCTV's |

| | | |
|---|---|---|
| | peress li din hija parti minn skema tad-Dipartiment. Kienu kkunsidrati diversi dettalji bħal jekk għandhomx l-istess ħwienet ikunu mgħottija fil-filmati. Kienu mogħtija diversi proposti oħra mis-Sur Terence Sant kif il-KLR ser ikun post ta' moniteraġġ ta' dawn is-cctv's kollha li għandna mwaħħla fir-Rabat kollu. | |
| 08.17.05 | Is-Sur Matthew Chetcuti, il-Viċi Sindku, informa lill-KLR bil-pjan tar-rampa tal-latrina tal-Baħrija. Hu qal li s-CRPD huma kuntenti illi din se ssir għall-ewwel darba aċċessibbli minn persuni b'diffikultajiet mobbli. Intant, aktar tard, is-Sur Norbert Grech qal illi permezz ta' din ir-rampa issa ntilfu żewġ parkeġġi. Il-KLR jiddikjara illi jippreferi jitlef il-parkeġġi u jakkomoda lil dawn il-persuni fuq bażi umanitarja. | Rampa tal-Latrina tal-Baħrija |
| 08.17.06 | Is-Sur Matthew Chetcuti informa lill-KLR illi l-każ tar-rampa ta' Bir Iljun issa hu magħluq. Dan wara li is-CRPD aċċettaw l-appell tagħna li din ħija ferm aħjar minn qatt qabel u minħabba li l-ġnien ma kienx maqlugħ kollu qabel ma reġa' nbena mil-KLR. | Rampa ta' Ġnien Bir Iljun |
| 08.17.07 | Kien deċiż illi wara l-laqgħa informali li saret nhar it-12 ta' Frar 2025, il-KLR jikkunsidra l-immaniġjar tat-traffiku kif provdut fuq pjanta biex tintbgħat lil TM fl-inħawi ta' Sant Agata u dik f'Għar Barka. Dawn il-proposti ta' one way schemes se jintbgħatu lil TM. | Immaniġjar tat-traffiku |
| 08.17.08 | Se tintbgħat proposta oħra lil TM sabiex Triq San Pawl minn Triq il-Kbira sa Wesgħet il-Mużew issir pedonali nhar ta' Ħadd filgħodu billi tingħalaq minn fejn il-Cafe Santa Luċija. | Triq San Pawl pedonali |
| 08.17.09 | Reġgħu kienu proposti l-attendenzi tal-posti tal-monti peress li hemm min qed jabbuża. Aktar minn hekk, iridu jsiru l-posti biż-żebgħa mal-art kif isiru dawk tal-kabbani tal-festa. | Posti tal-Monti |
| 08.17.10 | Is-Sa Charmaine Balzan infurmat lill-KLR sabiex isiru taħditiet fil-KLR dwar *Financial Literacy mill-BNF Bank*. Il-KLR ma kellux oġġezzjoni minkejja li jrid xi ħadd jagħmel tajjeb għall-ħinijiet tal-*overtime* tal-ħaddiema peress li dawn il-laqgħat hu intenzjonat li jsiru wara l-4.30pm fix-xitwa u wara s-1.30pm fis-Sajf. | BNF bank |
| 08.17.11 | Intalab konkos biex jintefa' fir-rampa tar-raba' :<br>Minn Nazju Cassar fil-Kunċizzjoni u<br>Norbert Grech fi Triq il-Girna lejn il-Maj Maj<br>Is-SE talab site plan biex niżguraw li l-passaġġi huma pubbliċi u mhux privati. | Konkos fir-rural |
| 08.17.12 | Is-Sur Nazju Cassar insista biex toħroġ l-offerta pubblika tal-manutenzjoni tat-toroq u l-bankini minkejja li se jibdew xogħlijiet simili mil-PWD f'tal-Virtu. | Tender tal-manutenzjoni tat-toroq |
| 08.17.13 | Is-Sur Terence Sant qal illi fid-dawl li qed isiru xogħlijiet fi Triq Ħad-Dingli u t-traffiku qed ikollu jsib rotta alternattiva, issa Triq Santa Katarina ġiet perikoluża. Hu ssuġġerixxa li tiġi one-way f'ċertu ħinijiet. Madankollu kien deċiż li ma nbiddlux direzzjonijiet tat-traffiku bil-ħin minħabba nuqqas ta' infurzar għax nistgħu inkunu kaġun ta' xi ħabta head on.<br>Minħabba l-istess ċirkustanzi, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab li ssir iż-żabra tas-siġar ta' Triq il-Buskett biex kulħadd jibqa fuq sajdu u ma | Xogħlijiet fi Triq Ħad-Dingli |

| | | |
|---|---|---|
| | jkollux għalfejn joħroġ il-barra biex ma jigrifx il-coach u jispiċċa wrong side. | |
| 08.17.14 | Is-Sur Norbert Grech talab biex isir it-tindif mil-ħaxix ħażin fi Triq tas-Salib, filwaqt li bħalisssa qed isir tindif mil-ħaddiema tal-Cleansing Dept fit-triq tal-Baħrija u fl-istess ħin is-Sur Nazju Cassar qal illi dan il-ħaxix se jerġa' jikber għaliex propjament dan jinqata' minn Marzu 'l hemm meta ma jibqax jitla l-ħaxix. | Tindif fiz-zona rurali |
| 08.17.15 | Is-Sur Norbert Grech qal li intefa l-konkos fuq rampa tal-qatran eżistenti għal fuq bankina (mit-triq) fil-Pjazza tal-Baħrija u dan ġie ikrah ħafna. | Rampa bil-konkos fuq il-qatran |
| 08.17.16 | Is-Sur Rudolph Grima ġibed l-attenzjoni illi s-Sur Mario Ciantar fir-Rabat Sacrum kellu tliet slots fejn daqq il-vjolin u fil-fatt tħallas ta' slot wieħed u għandu nieqes id-daqq fil-ballu u fil-Knisja ta' Duna. Se naraw jekk hux qiegħed għall-pagamenti. | Servizz fir-Rabat Sacrum 2024 |
| 08.17.17 | Is-Sur Terence Sant semma' l-esiġenza illi jitwaħħlu żewġ mirja tat-traffiku f'Tal-Virtù f'postijiet li se jingħataw site plan aktar tard. | Imirja tat-traffiku |
| 08.17.18 | Is-Sur Rodolph Grima semmà l-ħtieġa li jitwaħħlu bollards fil-parkeġġi fi Vjal il-Ħaddiem fejn is-Sound Machine u l-mini markets. | bollards |
| 08.18 | **Data u ħin tal-laqgħa li jmiss**<br>Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-12 ta' Marzu 2023 fil-5.30pm u din spiċċat fid-9.00pm. | Aġġornament |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 12 ta' Marzu 2025 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku